**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Chalone k/a Michael Buttigieg iben il-mejjet Joseph u l-mejta Maryanne xebba Bajada u li joqghod 134, Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 10683 (M)**

Illum 15 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-26 t'April 1999 ghall-habta tal-11:45 a.m. fi Triq il-Kbira, Sannat (1) ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' James Fredrick McNichol minn Sannat hekk kif iccertifika Dr Joseph Farrugia M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, (2) aktar talli saq vettura Nru BBF 973 b'manjiera perikoluza u traskurata

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi wara ezami tal-provi, u minkejja l-konsegwenzi ferm sfortunati ta' dan l-incident, ma tirrizulta ebda raguni ghaliex l-imputat ghandu iwiegeb fil-Qorti ta' gudikatura kriminali ghall-istess akkadut;

Jirrizulta illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Sannat meta huwa kellu jimmanuvra biex jaqbez vettura ipparkjata fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk kien aktar lejn in-nofs tal-karregjata li hija 'two lane'. Huwa u ghaddej hareg tifel mis-side road li kien qed isuq rota. Ma jirrizulta ebda speed eccessiv da parti ta' l-imputat, ebda traskuragni jew sinjal iehor li juri li hu b'xi mod kien responsabbli ghall-incident de quo. Is-sewwieq tal-vettura li tkun fil-main road, ma jistax ikun li toqghod b'tali attenzjoni fuq is-side road b'mod li tirrendih perikoluz ghall-vetturi l-ohra. Wiehed irid jaghmel attenzjoni u jzomm "a proper look out" ghal dak kollu li jista' jinqala' fit-triq, izda li taghmel hekk b'mod li tkun ghaddej bi speed verament baxx u tieqaf f'kull kantuniera fuq main road huwa ammontanti ghal sewqan perikoluz;

Jirrizulta wkoll illi l-brekijiet tar-rota tat-tifel kienu difettuzi . Irid jinghad ukoll illi da parti tat-tifel milqut hemm kollox biex juri li kien ghaddej bla kontroll u bla konsiderazzjoni ghal-perikoli li tista' toffri t-triq.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur